**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' April, 2019**

**Rikors nru: 474/08 AGV**

AB u permezz tad-digriet datat 18 ta' April, 2012 l-atti qed jigu trasfuzi f'isem Dr. Joe Zammit Maempel, li huwa ezekutur testamentarju ta' AB li miet fl-20 ta' Marzu, 2012 u permezz tad-digriet datat 14 ta' Marzu, 2018 l-atti qed jigu trasfuzi f'isem CB, DBE u FBG eredi tal-mejjet AB.

Vs

HI, JB u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2008 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu f'Ottubru tas-sena 1986 u sseparaw legalment fl-atti tan-Nutar Dr. Gerald Spiteri Maempel fl-1 ta' April, tas-sena 1991. Xahar u nofs wara, cioe' fis-16 ta' Mejju, 1991 twieldet tarbija bl-isem J, hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid tal-istess tarbija hawn anness u mmarkat bhala Dok.P1;

2. Illi r-rikorrent qatt ma kellu relazzjoni mal-minuri J peress li huwa dejjem kien jaf, stante li kienu ilhom separati *de facto* mis-sena 1988, li l-istess minuri mhuwiex il-wild naturali tieghu.

3. Illi r-rikorrent recentement, u cioe' cirka xahar u nofs ilu, sar jaf li huwa mnizzel bhala missier il-minuri J, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri;

4. Illi ghalhekk, id-dettalji mnissla fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J, fejn gie mnizzel bhala iben ir-rikorrenti u kwindi bil-kunjom ''B" ma jirriflettix il-verita';

5. Illi ghalhekk, ir-rikorrent li ghandu marda terminali, ghandu interess li jichad il-paternita' tal-imsemmi minuri u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri J mhuwiex il-wild naturali tar-rikorrent u konsegwentement ir-rikorrenti AB mhuwiex missier il-minuri, okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici necessarji sabiex isiru t-testijiet tad-DNA;

2. Tiddikjara li l-anness certifikat tat-twelid tal-minuri J, li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 2639, mhuwiex wiehed veritier u ghalhekk ghandu jigi mibdul billi jithassru minnu d-dettalji kollha ghar-rikorrent kull fejn huwa indikat bhala "missier it-tarbija."

Bl-ispejjes kontra l-intimata HI, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa illi:-

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimettu ruhhom ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li jekk jintlaqghu t-talbiet dedotti fir-rikors, il-kliem "the said" jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm tat-tarbija fl-Att tat-Twelid relattiv.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illii fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att ta' Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m'ghandu jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota li biha saret il-legitimazzjoni tal-atti tar-rikorrent li miet fil-mori tal-kawza u d-digrieti tat-18 ta' April, 2012 u tal-14 ta' Marzu, 2018.[1]

Rat li fl-4 ta' Frar, 2015 giet nominata Dr. Marisa Cassar biex tikkonkludi t-testijiet tad-DNA.

Rat ix-xhieda tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, tal-Jobsplus, Transport Malta, Vodafone, Melita Ltd. li tressqu sabiex jikkonfermaw id-dettalji u r-residenza tar-rikorrent.

Rat ix-xhieda u r-rapport ta' Dr. Marisa Cassar, fejn ikkonfermat li CB, kif ukoll JB, ma kellhomx l-istess missier biologiku u ghalhekk zgur AB ma setax kien missier JB.

**IKKUNSIDRAT**

**Il-Fatti**

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-

[1] Ara fol.39 tal-process

**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta’ iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta’ fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta’ filjazzjoni u ta’ demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;

(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f’dik il-kwalita’, haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;

(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;

(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta’ stat li jaqbel ma dak l-att.

(2) Hekk ukoll, hadd ma jista’ jattakka l-istat ta’ iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta’ stat konformi ghal dak l-att, “*l’azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e’ inamissibile”* (**Vol. XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li “*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*”. Jinsab pacifikament stabbilit illi *“din il-presunzjoni m’hijiex assoluta, imma biss ‘juris tantum’ u ssir ‘juris et de jure’ meta l-istat ta’ tifel legittimu jirrizulta mhux*

*biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita', kif ukoll li kien hemm l-impossibilita' fizika, li ghammru flimkien hi u r-ragel bejn it-300 u l-180 jum qabel it-twelid tal-minuri.

Bl-azzjoni proposta l-attur qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

***"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".***

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa*

*ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet "**Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Ir-rikorrent originarju lahaq miet fil-mori tal-kawza u l-kawza kompliet fl-isem l-eredi tieghu. Minkejja li l-avukat difensur tar-rikorrenti nomine ddikjarat li kienet ser tipprezenta l-affidavit tal-rikorrent[2], dan ma nstabx fil-process. Madanakollu, din l-Qorti se toqghod fuq id-dikjarazzjoni tar-rikors guramentat, kif ukoll fuq it-testijiet tad-DNA li saru minn Dr. Marisa Cassar. Jirrizulta ukoll li l-intimati HI, kif ukoll JB, huma lkoll kontumacja u ghaldaqstant ma tezisti ebda kontestazzjoni. Mit-testijiet tad-DNA li saru minn Dr. Cassar jirrizulta li l-intimat qatt ma seta' kien wild ta' AB, ghaliex meta saru t-testijiet fuq wild maskili tad-decuius CB, Dr. Cassar ikkonkludiet hekk:-

[2] Ara fol.79 tal-process.

***"The Y chromosome is only found in males and is passed on from father to son. Therefore the sons of the same father should have the same Y chromosome. CB and JB have a different Y haplotype (different alleles at multiple loci on the Y chromosome) and thus they have a different Y chromosome."***

Madanakollu, il-ligi stess, minkejja li dejjem ghandha l-interess li zzomm l-istat tal-minuri stabbli u ma ccahhadhiex mill-familja li fiha kienet qed titrabba, pero', ir-rikorrenti ipprezenta il-konkluzzjonijiet tat-testijiet tad-DNA mhejjin minn Dr. Marisa Cassar, fejn indubbjament, JB irrizulta li mhux iben id-decuius AB u dan aktar u aktar meta pprezenta r-rikors kien gie ddikjarat li kien ilu sseparat minn ma' martu *de facto* mis-sena 1988 u fl-1 ta'April, 1991 kienu sseparaw legalment fl-atti tan-Nutar Gerald Spiteri Maempel u fis-16 ta' Mejju, 1991 kien twieled J, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness[3] u sadanittant it-tifel gie registrat fuq isem ir-rikorrent, minkejja li kienu ilhom ma jghammru flimkien ghal cirka tlett snin.

In konkluzzjoni, inevitabbilment, il-presunzjonji legali taht l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet meghluba.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

---

[3] Ara Dok.P1 a fol.4 tal-process.

1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li J, illum maggorenni, mhuwiex il-wild naturali tar-rikorrent;
2. Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrent u tawtorizza li jsir it-tibdil fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni numru 2639, kull fejn hemm indikati d-dettalji “Missier it-Tarbija.”
3. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-intimata HI.

**Imhallef**
**Onor. Anthony Vella**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**